MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2014

Appell Kriminali Numru. 514/2013

Il-Pulizija

[Spettur Ian J. Abdilla]

Vs

Reno (Nazzareno) Sammut

Illum, 4 ta' Dicembru, 2014

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Reno (Nazzareno) Sammut, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 203064M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana talli:

Fit-2 ta' Gunju, 2009, gewwa s-Swieqi, wara ntervent u tfittxija li saret mill-Ufficjali tad-Dwana fil-vettura Toyota Hiace bin-numru tar-registrazzjoni LCN845, tal-istess Nazzareno Sammut, u sussegwentement f'garaxx mikri lilu fi Triq il-Mizien, Swieqi, kif ukoll fil-vettur Mitsubishi Pajero van bin-numru tar-registrazzjoni ABP051, liema vettura hi tal-mara tieghu u li dak il-hin kienet qed tintuza minnha hdejn l-istess garaxx, instab li, xjentament kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu, kif ukoll laqgha ghandu, zamm u/jew ukoll xjentemnet kellu b'xi mod jaqsam fil-garr,

twarrib, hatt jew dopozt ta' sigratti bla dazju, fi kwantita' kif deskritt hawn taht, u dan, bil-hsieb li jigi ffrodat il-Gvern minn Dazji u t-Taxxa li jkun imiss jithallas fuqhom jew biex tinheles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti:

1. Sigaretti misjuba fil-vettura Toyota Hiace numru LCN845:
   - kaxxa, b'50 kartuna, b'200 sigarett kull kartuna Bon International Virginia Blend (Gold),
   - 5 kartuniet b'200 sigarett kull kartuna Bon International Virginia Blend (Gold),
   - 10 kartuniet b' 200 sigarett kull kartuna Bon International American Blend (White)

2. Sigaretti misjuba fil-garaxx:
   - 8 kaxxi, b'50 kartuna, b'200 sigarett kull kartuna Bon International Virginia Blend (Gold)
   - 6 kaxxi, b'50 kartuna kull kaxxa, b'200 sigarett kull kartuna Bon International Virginia Blend (White),
   - 2 kaxxi, b'15 il-kartuna kull kaxxa, b'400 sigarett kull kartuna Superkings (Black),
   - 10 kartuniet, b'200 sigarett kull kartuna Bon International Virginia Blend (White),
   - 7 pakketti, b'20 sigarett kull pakkett Bon International Virginia Blend (White).

3. Sigaretti misjuba fil-vettura Mitsubishi Pajero Van, numru ABP051:

   - 3 kaxxi, bi 15 il-kartuna kull kaxxa, b'400 sigarett kull kartuna Superkings (Black),

(B' valur ta' €5369.06; Dazju ta' Importazzjoni ta' €3092.58; Dazju tas-Sisa ta' €21204.08 u Taxxa fuq il-Valur Mizjud ta' €5339.83)

b. Kif ukoll talli gewwa l-Imsida, fl-istess data u cirkostanzi, kontra l-ligi u ghad-dannu tal-Gvern ta' malta, xjentament, iddispensa minn sigaretti ta' din ix-xorta, fi kwantita kif jidher hawn taht:

4. 2 kartuniet, b'200 sigarett kull kartuna Bon International American Blend (White)

(B' valur ta' €11.60; Dazju ta' Importazzjoni ta' €6.68; Dazju tas-Sisa ta' €45.81 u Taxxa fuq il-Valur Mizjud ta' €11.54)

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma pprojbiti u/jew ristretti u/jew limitati, ghandhom valur totali ta' €5380.66, dazju tas-Sisa dovut ta' €21249.89 u wkoll Dazju ta' importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) li

jammontaw ghal €3099.26 u €5351.37 rispettivament, fejn liema Dazji u Taxxa ma kienux gej imhallsa u/jew kawtelati.

Is-sigaretti in kwestjoni gew maqbuda bin-Nota ta' Qbid Numru 100/2009, 8/2010 u 9/2010, filwaqt li l-vetturi gew maqbuda bin-Noti ta' Qbid Numru 10/2010 u 11/2010.

Akkuzat wkoll, fuq talba tal-Kummissarju tal-Value Added Tax,

c. Fit-2 ta' Gunju, 2009, gewwa s-Swieqi, wara ntervent u tfittxija li saret mill-Ufficjali tad-Dwana fil-vettura Toyota Hiace bin-numru tar-registrazzjoni LCN845, tal-istess Nazzareno Sammut, u sussegwentement f'garaxx mikri lilu fi Triq il-Mizien, Swieqi, kif ukoll fil-vettur Mitsubishi Pajero van bin-numru tar-registrazzjoni ABP051, liema vettura hi tal-mara tieghu u li dak il-hin kienet qed tintuza minnha hdejn l-istess garaxx, instab li, xjentament kellu fil-pussess u/jew taht il-kontroll tieghu, kif ukoll laqgha ghandu, zamm u/jew ukoll xjentemnet kellu b'xi mod jaqsam fil-garr, twarrib, hatt jew dopozt ta' sigratti bla dazju, fi kwantita' kif deskritt hawn taht, u dan, bil-hsieb li jigi ffrodat il-Gvern minn Dazji u t-Taxxa li jkun imiss jithallas fuqhom jew biex tinheles xi projbizzjoni jew limitazzjoni tad-Dwana dwar dawn is-sigaretti:

1. Sigaretti misjuba fil-vettura Toyota Hiace numru LCN845:
   - kaxxa, b'50 kartuna, b'200 sigarett kull kartuna Bon International Virginia Blend (Gold),
   - 5 kartuniet b'200 sigarett kull kartuna Bon International Virginia Blend (Gold),
   - 10 kartuniet b' 200 sigarett kull kartuna Bon International American Blend (White)

2. Sigaretti misjuba fil-garaxx:
   - 8 kaxxi, b'50 kartuna, b'200 sigarett kull kartuna Bon International Virginia Blend (Gold)
   - 6 kaxxi, b'50 kartuna kull kaxxa, b'200 sigarett kull kartuna Bon International Virginia Blend (White),
   - 2 kaxxi, b'15 il-kartuna kull kaxxa, b'400 sigarett kull kartuna Superkings (Black),
   - 10 kartuniet, b'200 sigarett kull kartuna Bon International Virginia Blend (White),
   - 7 pakketti, b'20 sigarett kull pakkett Bon International Virginia Blend (White).

3. Sigaretti misjuba fil-vettura Mitsubishi Pajero Van, numru ABP051:

   - 3 kaxxi, bi 15 il-kartuna kull kaxxa, b'400 sigarett kull kartuna Superkings (Black),

(B' valur ta' €5369.06; Dazju ta' Importazzjoni ta' €3092.58; Dazju tas-Sisa ta' €21204.08 u Taxxa fuq il-Valur Mizjud ta' €5339.83)

b. Kif ukoll talli gewwa l-Imsida, fl-istess data u cirkostanzi, kontra l-ligi u ghad-dannu tal-Gvern ta' malta, xjentament, iddispensa minn sigaretti ta' din ix-xorta, fi kwantita kif jidher hawn taht:

4. 2 kartuniet, b'200 sigarett kull kartuna Bon International American Blend (White)

(B' valur ta' €11.60; Dazju ta' Importazzjoni ta' €6.68; Dazju tas-Sisa ta' €45.81 u Taxxa fuq il-Valur Mizjud ta' €11.54)

Dawn is-sigaretti, li l-importazzjoni u l-pussess taghhom huma pprojbiti u/jew ristretti u/jew limitati, ghandhom valur totali ta' €5380.66, dazju tas-Sisa dovut ta' €21249.89 u wkoll Dazju ta' importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Mizjud (VAT) li jammontaw ghal €3099.26 u €5351.37 rispettivament, fejn liema Dazji u Taxxa ma kienux gej imhallsa u/jew kawtelati.

U b'hekk, Reno Sammut ghamel reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza, limea sentenza kienet moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) diversament preseduta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula;

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska tal-oggetti kollha esebiti.

Il-Qorti giet ukoll gentilment mitlbua sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lil akkuzata ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija f1-14 ta' Novembru, 2013, fejn il-Qorti stante l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata, sabithu hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontrih u wara li rat l-artikoli 60(a)(b)(c)(k), l-artikolu 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k) flimkien mal-proviso paragrafu (a) tieghu b'referenza l-iskeda 'I' annessa mal-Att, wkoll l-artikolu 69, l-artikolu 16(1)(j), l-ewwel proviso tieghu u r-Regolament 7 tal-Parti C tas-Sitt Skeda tal-Kap 382, l-Artikolu 406 tal-Kap 406, l-Artikolu 17(b) u 28B tal-Kap 9.

Konsegwentement ikkundannat ghal multa ta' 63749.37 Ewro u prigunerija ta' sentejn sospiza ghal erba' snin bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kap 9.

Ordnat il-konfiska tas-sigaretti elevati kif ukoll taz-zewg vetturi, wahda Toyota Hiace numru ta' registrazzjoni LCN845 u l-ohra Mitsubishi Pajero numru ta' registrazzjoni ABP051. Ordnat ukoll li terz tal-multa tigi kkunsidrata bhala dejn civili pagabbli lid-Dipartiment tad-Dwana.

Il-Qorti spjegat lill-imputazzjoni r-responsabbilitajiet tieghu skond is-sentenza.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Reno (Nazzareno) Sammut, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Novembru, 2013, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

1. Tikkonfermaha fil-parti tar-reita' u
2. Thassarha u tirrevokaha fil-parti tal-piena billi minflok l-piena nflitta tigi mposta piena jew sanzjoni ohra li tkun aktar ekwa u gusta ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-5 ta' Dicembru, 2013, fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

a. tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat appellat hati tal-akkuzi migjuba kontrih u fejn erogat piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin;
b. tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti tal-piena fejn ikkundannatu ghal multa ta' € 63,749.37;
c. minflok tinfliggi multa skond il-ligi.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Fliet l-atti kollha.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti Reno (Nazzareno) Sammut huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi kif ser jigi sottomess waqt it-trattazzjoni ta' dan l-umli appell, l-esponenti umilment temmen illi fil-kaz odjern jezistu fatturi li jimmiltaw favur temperament fil-piena nflitta mill-ewwel Onorabbli Qorti. Fost affarjiet ohra l-esponent jixtieq jippuntwalizza bir-rispett illi:

a. In effetti l-ammissjoni taghha kienet wahda, relattivament u fic-cirkostanzi bikrija. Id-dati procedurali li jirrizultaw mill-process huma xhieda ta' dan;
b. It-trapass taz-zmien mill-allegat reat kommess.
c. Illi l-formola tal-multa adoperata mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati inhadmet b'mod illi l-ammont dovut bhala multa gie aktar milli tistipula l-ligi.
d. Illi l-proporzjoni ta' bejn il-multa u r-reat huwa tali illi wiehed facilment jistgha jghid illi l-multa hija sproporzjonata.

Bl-akbar rispett, dawn u fatturi ohra, ghandhom jattiraw tnaqqis fil-piena nflitta.

Rat l-aggravju tal-Avukat Generali illi huma s-segwenti:

Illi fis-26 ta' Novembru 2013, l-esponent ircieva l-atti tal-kawza u hassu aggravat bihom in kwantu l-piena erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti ma kinetx fix-xorta jew kwantita` taghha dik ikkontemplata fil-ligi ghar-reat li fuqu l-imputat appellat gie ikkundannat.

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti f'li l-ewwel Onorabbli Qorti erogat piena ta' multa ta' 63,749.37 Euro u perjodu ta' prigunerija ta' sentejn sospizi ghal erba' snin. Illi l-esponent jaghmilha cara li dan l-appell jirrigwarda limitatament l-ammont tal-multa imposta fuq l-imputat appellat u mhux il-perjodu ta' prigunerija sospiza li ghandu jigi konfermat.

F'dan il-kaz l-imputat appellat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontrih u l-piena erogabbli f'dan il-kaz kellha tkun dik ai termini tal-Artikolu 62 tal-Kapitolu 37 li qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi tas-sena elfejn u tlettax, kien jipprovdi li l-piena ghandha tkun dik ta' :-

> "multa ekivalenti ghal tliet darbiet l-ammont ta' dazju li ghandu jithallas fuq l-oggetti jew hames mija u tnejn u tmenin euro u erbgha u tletin centezmu (582.34), skond liema hija l-ikbar, hekk li terz minn dan l-ammont ghandu jitqies bhala dejn civili addebitat u li jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana jew ghal dik il-multa flimkien ma' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn; u l-hati jista' jigi arrestat jew migjub quddiem il-qorti b'citazzjoni bil-mod u fil-forma kif jinghad fil-Kodici Kriminali, u skond id-disposizjonijiet l-ohra kollha ta' dak il-Kodici"

Illi l-proviso tal-istess Artikolu kien jipprovdi f'paragragu(a) li :-

> "(a) meta l-oggetti li dwarhom ikunu saru procedimenti kontra l-hati ikunu xi oggetti minn dawk murija fl-Iskeda li tinsab ma' din l-

> Ordinanza l-piena ta' prigunerija hawnhekk preskritta ghandha tapplika f'kull kaz;"

Illi l-Iskeda li l-kontenut taghha baqa' l-istess anke wara l-emendi tas-sena 2013 (bid-differenza li fil-ligi kif emendata hemm zewg Skedi, filwaqt li qabel l-emendi kien hemm Skeda wahda) tinkludi fost oggetti ohra t-tabakk. Illi ghaldaqstant ghandu jkun pacifiku li f'dan il-kaz il-piena ta' prigunerija ghandha tapplika f'dan il-kaz.

Illi madanakollu fir-rigward tal-ammont tal-multa imposta, l-esponent jirrileva li l-Artikolu 2 tal-Kapitolu 37 (qabel l-emendi) jaghti definizzjoni tal-kelma "dazju" bhala :-

> "kull dazju li jithallas lill-Kontrollur tad-Dwana fuq oggetti importati u tinkludi dazju ta' importazzjoni, dazju ta' esportazzjoni, dazju fuq il-biedja, dazju kontra *dumping*, dazju ta' kumpens u dazju tas-sisa;"

Illi ghaldaqstant meta l-Artikolu 62 jistipula li l-multa ghandha tkun ekwivalenti ghal tliet darbiet l-ammont ta' dazju, dan jirreferi kemm ghall-ammont ta' dazju ta' importazzjoni <u>kif ukoll</u> ghall-ammont ta' dazju tas-sisa.

Illi ghaldaqstant l-piena li kellha tkun erogata kellha <u>aparti</u> mit-terminu ta' prigunerija impost minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, tinkludi is-segwenti komputazzjoni tal-multa :-

(a) dazju ta' importazzjoni - € 3099.26 ghal tliet darbiet li jammonta ghal € 9297.78 u

(b) dazju tas-sisa - € 21,249.89 ghal tliet darbiet li jammonta ghal € 63,749.67

Illi ghaldaqstant l-ammont komplessiv tal-multa kellu jkun dak ta' € 73,047.45 u mhux € 63,749.37 u dan ghaliex il-kelma "dazju" tinkludi ukoll id-dazju tas-sisa u mhux biss id-dazju tal-importazzjoni kif diga spjegat qabel.

Ghalhekk fl-umli fehma tal-esponent, il-multa erogata mill-ewwel Onorabbli Qorti kienet taqa' taht il-minimum preskritt mill-Ligi.

Ikkunsidrat,

Illi dawn huma zewg appelli fuq l-istess meritu maghmula mill-imputat u mill-Avukat Generali b'aggravji illi jikkoncerna l-piena. Ghalhekk din il-Qorti sejra titratta dawn iz-zewg appelli flimkien.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fit-tnejn (2) ta' Gunju tal-elfejn u disgha (2009) Reno Sammut l-imputat inqabad mill-ufficcjali tad-dwana wara intervent u tfittxija illi saret mill-ufficcjali tad-dwana fil-vettura Toyota Hi Ace bin-numru ta' registrazzjoni LCN 845 tal-istess imputat u sussegwentement f'garaxx mikri lilu fi Triq il-Mizien, is-Swieqi, kif ukoll fil-vettura Mitsubishi Pajero bin-numru ta' registrazzjoni ABP 051 liema vettura hi tal-mara tal-imputat u li dak il-hin kienet qieghda tintuza minnha hdejn l-istess garaxx. Illi fil-kors ta' din l-investigazzjoni l-imputat kien irrilaxxa stqarrija fejn ikkopera mal-pulizija u ammetta l-involviment tieghu fil-kuntrabandu ta' ammont kbir ta' sigaretti. Ghalhekk tressaq il-Qorti in konnessjoni ma' dan il-kaz.

Il-Qorti tal-Magistrati tat is-sentenza taghha fl-erbatax (14) ta' Novembru tal-elfejn u tlettax (2013) (fol 51) fejn wara ammissjoni tal-imputat sabitu hati tal-imputazzjonijiet mibjuba kontra tieghu u ikkundannatu ghall-multa ta' tlieta u sittin elf, seba' mija disgha u erbghin ewro u sebgha u tletin centezmu (€63,749.37c) kif ukoll perjodu ta' prigunerija ta' sentejn sospizi ghal erba' snin u ordnat ukoll il-konfiska tas-sigaretti u taz-zewg vetturi Toyota Hi Ace LNC 845 u Mitsubishi Pajero ABP 051. Ordnat ukoll illi terz tal-multa tigi kunsidrata bhala dejn civili pagabbli lid-dipartiment tad-dwana.

Kemm l-imputat kif ukoll l-Avukat Generali hassuhom aggravati minn din is-sentenza u interponew appell limitatament però ghall-piena, dak tal-imputat jghid illi l-piena hija eccessiva u gravuza fil-konfront tieghu waqt li l-Avukat Generali jghid illi l-multa erogata ma kinitx fix-xorta jew kwantità taghha dik ikkontemplata fil-ligi ghar-reat li fuqu l-imputat gie ikkundannat.

Ikkunsidrat:

L-imputat ilmenta illi stante l-ammissjoni bikrija tieghu kienu jezistu fatturi illi jimmilitaw favur temperament fil-piena. Aktar importanti però jilmenta illi l-formola tal-multa adoperata mill-Qorti tal-Magistrati nhadmet b'mod illi l-ammont dovut bhala multa gie aktar milli tistipula l-ligi. Min-naha l-ohra l-Avukat Generali jargumenta illi l-formola mahduma mill-Qorti ma kinitx dik konformi mal-ligi u ergo kellu jinghata multa aktar oghla milli fil-fatt inghata.

Ikkunsidrat:

Illi r-reat sar fit-tnejn (2) ta' Gunju tal-elfejn u disgha (2009) u l-appellat ammetta mal-ewwel l-imputazzonijiet migjuba kontra tieghu. Ghalhekk il-piena erogabbli kellha tkun dik ai termini tal-artikolu 62 tal-Kap 37 qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi tas-sena elfejn u tlettax (2013). Dak iz-zmien l-artikolu kien jipprovdi li l-piena kellha tkun multa ekwivalenti ghal tlett darbiet l-ammont ta' dazju li ghandu jithallas fuq l-oggetti jew hames mija tnejn u tmenin ewro u erbgha u tletin centezmu (€582.34c) skont liema hija l-akbar, hekk li terz minn dan l-ammont ghandu jitqies bhala dejn civili addebitat u li jithallas lid-Dipartiment tad-Dwana, jew ghal dik il-multa flimkien ma' prigunerija ghal zmien ta' mhux izjed minn sentejn ... L-artikolu jkompli jispecifika li l-piena fuq preskritta ghandha tapplika f'kull kaz li jfisser allura li l-Qorti m'ghandhiex id-diskrezzjoni u l-piena ta' prigunerija hija wahda tassattiva.

L-imputat argumenta ukoll illi meta si tratta tal-komputazzjoni tal-multa ma kellhiex titqies ukoll id-dazju tas-sisa. Il-Qorti però ma taqbilx ma' dan l-argument peress illi l-artikolu 2 tal-Kap 37 jaghti definizzjoni wiesa' tal-kelma "dazju" u jinkludi fost ohrajn dazju ta' kumpens u <u>dazju tas-sisa</u>. Ghalhekk fil-komputazzjoni l-Qorti kellha tikkalkola l-multa ghal tlett darbiet l-ammont ta' dazju kif ukoll tlett darbiet l-ammont ta' dazju tas-sisa. Ghalhekk apparti t-terminu ta' prigunerija impost mill-Qorti tal-Magistrati kellha tinkludi ukoll il-multa komputata b'dan il-mod: Dazju ta' importazzjoni €3099.26 x 3 = €9297.78 u dazju tas-sisa €21,249.98 x 3 = €63,749.67. Ghalhekk l-ammont komplessiv ta' multa kellu jkun dik ta' €73,047.45 u mhux kif ikkalkulat l-ewwel Qorti.

L-imputat talab illi jibbenefika minn temperament f'dawn il-pieni peress illi ghamel ammissjoni bikrija kif ukoll ikkopera bi shih mal-pulizija. Izda l-Qorti ma tistax taghmel dawn it-tip ta' aggustamenti. Dawn il-multi huma tassattivi, imposti bil-ligi b'tali mod illi ma jhallu l-ebda diskrezzjoni f'idejn il-Qorti li ghandha tapplikahom kif inhuma u kif mitluba fil-ligi. L-unika diskrezzjoni li ghandha hija fit-terminu ta' prigunerija illi m'ghandux iktar minn sentejn. L-ewwel Qorti imponiet terminu ta' sentejn sospizi ghal erba' snin. Minn dan it-terminu hadd mhu qieghed jappella u d-decizjoni tal-ewwel Qorti ghal dak li jirrigwarda l-piena ta' prigunerija ghandha tigi rispettata. Però din il-Qorti jidhrilha illi ghal dak li jirrigwarda l-komputazzjoni tal-multa l-Avukat Generali ghandu ragun u l-appell tieghu jisthoqq li jkun milhuq.

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad l-appell tal-imputat Reno Sammut u tilqa' l-appell tal-Avukat Generali billi tirriforma s-sentenza appellata fejn tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontrih u fejn erogat piena ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin, tirrevokaha u thassarha f'dik il-parti tal-piena fejn ikkundannatu ghal multa ta' tlieta u sittin elf seba' mija disgha u erbghin ewro u sebgha u tletin centezmu (€63,749.37) u minflok

tikkundanna lill-imputat ghall-multa ta' tlieta u sebghin elf u sebgha u erbghin ewro u hamsa u erbghin centezmu (€73,047.45) b'terz ta' din il-multa tigi kunsidrata bhala dejn civili pagabbli lid-Dipartiment tad-Dwana. Iggib ukoll fis-sehh il-verbal maghmul fl-erbatax (14) ta' Novembru tal-elfejn u tlettax (2013) (fol 51) fejn il-Qorti kienet ordnat li minflok il-konfiska effettiva tal-vetturi, ordnat il-konfiska tad-depozitu illi sar fuqhom fil-mori ta' dawn il-proceduri.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------